Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Lulju 2020**
**(OR. en)**

**9549/20**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0139 (COD)**

**PECHE 179**
**CODEC 629**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 14 ta' Lulju 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 308 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 520/2007 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 308 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 308 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2020
COM(2020) 308 final

2020/0139 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 520/2007**

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-għan tal-proposta huwa li l-miżuri ta' kontroll, ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC), li l-Unjoni Ewropea ilha parti kontraenti tagħha mill-2006, jiġu trasposti fid-dritt tal-UE. L-IATTC hija l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) responsabbli għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd tat-tonn u dawk simili għat-tonn fl-Oċean Paċifiku tal-Lvant (EPO) imfassla bil-Konvenzjoni għat-tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Costa Rica (il-Konvenzjoni tal-IATTC). L-UE għandha medja ta' tliet bastimenti tas-sajd bit-tartarun u xi tletin bastiment tas-sajd bil-konz li joperaw fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC. L-istokkijiet ewlenin fil-mira tal-flotta tal-UE huma t-tonn tropikali u l-pixxispad.

Il-Partijiet Kontraenti kollha tal-Konvenzjoni tal-IATTC huma membri tal-IATTC. L-IATTC tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni ("Riżoluzzjonijiet") b'kunsens, f'konformità mal-Artikolu IX.7 tal-Konvenzjoni tal-IATTC. Il-Kummissjoni, f'isem l-UE, tfassal linji gwida għan-negozjar ibbażati fuq mandat ta' ħames snin stabbilit b'Deċiżjoni tal-Kunsill u fuq parir xjentifiku. F'konformità mal-mandat, dawn il-linji gwida jitressqu, jiġu diskussi u approvati waqt laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill u jkomplu jiġu aġġustati waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni mal-Istati Membri li jsiru waqt il-laqgħat annwali tan-IATTC sabiex jitqiesu l-iżviluppi f'ħin reali.

Il-Konvenzjoni tal-IATTC tistqarr li r-Riżoluzzjonijiet adottati mill-IATTC huma vinkolanti (l-Artikoli IX.7) u li l-partijiet kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u l-konformità magħha u kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottata skontha, inkluża l-adozzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti neċessarji (l-Artikolu XVIII.1). Ir-Riżoluzzjonijiet tal-IATTC, għalkemm huma mmirati prinċipalment lejn il-Partijiet Kontraenti tal-IATTC, jimponu wkoll obbligi fuq l-operaturi (eż. il-kaptan tal-bastiment).

Fil-laqgħat annwali tagħha, l-IATTC tadotta miżuri ġodda jew temenda dawk eżistenti. Dawn jidħlu fis-seħħ bħala Riżoluzzjonijiet tal-IATTC ħamsa u erbgħin jum wara l-adozzjoni tagħhom u wara n-notifika tagħhom mis-Segretarju Eżekuttiv tal-IATTC lill-Partijiet Kontraenti. Wara l-laqgħa annwali, il-Kummissjoni tinforma lill-Kunsill dwar il-miżuri adottati mill-IATTC flimkien mad-data ppjanata għad-dħul fis-seħħ tagħhom. L-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-UE trid tirrispetta b'mod strett id-dritt internazzjonali, li jinkludi l-konformità mar-Riżoluzzjonijiet tal-IATTC.

Din il-proposta tirrigwarda l-miżuri adottati mill-IATTC mill-2008. Ir-Riżoluzzjonijiet tal-IATTC jistgħu jiġu emendati kull sena fil-laqgħat annwali tal-IATTC. Flimkien mal-adozzjoni ta' Riżoluzzjonijiet ġodda, ħarsa ġenerali storika turi li kwalunkwe parti tar-Riżoluzzjonijiet eżistenti tal-IATTC tista' tiġi emendata wkoll f'dawk il-laqgħat. Hija l-UE li għandha r-responsabbiltà tiżgura l-konformità ma' dawn il-miżuri, bħala obbligi internazzjonali, malli dawn jidħlu fis-seħħ. Din il-proposta għalhekk hija mfassla biex tittrasponi r-Riżoluzzjonijiet eżistenti tal-IATTC; tinkludi wkoll mekkaniżmu li jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-IATTC fil-ġejjieni.

Bħala medja, il-proċess leġiżlattiv neċessarju għat-traspożizzjoni fid-dritt tal-UE tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-RFMOs jirrikjedi medja ta' 18-il xahar mill-ewwel tfassil tal-proposta tal-Kummissjoni għall-adozzjoni tal-att finali mill-Kunsill u l-Parlament

Ewropew. Is-setgħat delegati jiżguraw li, filwaqt li jiġu rispettati d-direttivi pprovduti mill-Koleġiżlatur, l-Unjoni tkun tista' tittrasponi malajr fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri ta' konservazzjoni adottati mill-UE li jirriżultaw ta' benefiċċju għall-flotta tal-UE, issaħħaħ il-kundizzjonijiet ekwi u tkompli tappoġġa l-ġestjoni sostenibbli fit-tul tal-istokkijiet. Din il-proposta tipprevedi setgħat delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), sabiex tipprovdi għall-emendi għall-miżuri, li huma mistennija li jkunu frekwenti u biex tiżgura li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jitqiegħdu fl-istess livell tal-bastimenti ta' Partijiet Kontraenti oħra għall-IATTC bħal: l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal-lenez tal-klieb il-baħar, il-formola tad-dikjarazzjoni tat-trasbord, il-perjodi ta' waqfien mis-sajd, l-iskedi ta' żmien tar-rappurtar tat-Tagħmir biex Jinġabar il-Ħut (FAD), id-dispożizzjonijiet dwar it-tfassil u l-użu tal-FADs, l-iskadenzi għall-ġbir tad-*data*, iż-żoni u l-miżuri ta' mitigazzjoni għall-protezzjoni tat-tjur tal-baħar, il-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi, l-informazzjoni relatata mar-Reġistru Reġjonali tal-Bastimenti, ir-referenza għat-tabella għall-forniment tad-*data* għall-ġurnali ta' abbord u r-rekords tal-ħatt, id-Dokument Statistiku dwar it-Tonn Obeż, l-iskadenzi għar-rappurtar, il-linji gwida dwar il-mortalità tal-fkieren.

L-iskadenzi għar-rappurtar stabbiliti f'din il-proposta ġew deċiżi abbażi tal-iskadenzi stabbiliti mir-Riżoluzzjonijiet tal-IATTC. L-għan huwa li jiġi żgurat li l-UE tissottometti r-rapporti tagħha lill-IATTC fil-ħin.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Id-dispożizzjonijiet ta' xi Riżoluzzjonijiet tal-IATTC ġew trasposti l-aħħar permezz tat-Titolu IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti ħażniet ta' speċi li jpassu ħafna u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 973/2001.

Għal raġunijiet ta' ċarezza, simplifikazzjoni u ċertezza legali, għalhekk huwa preferibbli li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 jiġi emendat billi jitħassar it-Titolu IV tiegħu u li jitqiesu l-bidliet li saru mill-adozzjoni tiegħu iżda li għadhom ma ġewx koperti mid-dritt tal-UE. Ir-Riżoluzzjonijiet tal-IATTC li jirrigwardaw il-perjodi tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun u l-limiti tal-FADs huma trasposti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124[1].

Din il-proposta hija allinjata b'mod sħiħ mal-Parti VI (Politika Esterna) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd PKS, li tistqarr li l-UE għandha twettaq is-sajd estern tagħha f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħha, billi tibbaża l-attivitajiet tas-sajd tal-UE fuq il-kooperazzjoni reġjonali fil-qasam tas-sajd, u taħdem mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd biex tiżgura l-konformità.

Il-proposta tikkomplementa r-Regolament (UE) 2017/2403 dwar il-ġestjoni tal-flotta esterna, li jsostni li l-bastimenti tas-sajd tal-UE huma soġġetti għal serje ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd tal-RFMO skont il-kundizzjonijiet u r-regoli ta' RFMOs speċifiċi u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 dwar sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

Din il-proposta ma tkoprix l-opportunitajiet tas-sajd tal-UE deċiżi mill-IATTC. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), huwa l-Kunsill li għandu d-dritt jadotta miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, tad-dazji, tal-għajnuna u tal-limiti kwantitattivi u dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd u l-allokazzjoni tagħhom.

1 ĠU L 29, 30.01.2019, p. 1.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 43(2) tat-TFUE minħabba li tistabbilixxi dispożizzjonijiet li huma meħtieġa biex jiġu segwiti l-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni (l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE). Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta se tiżgura li d-dritt tal-Unjoni jkun konformi mal-obbligi internazzjonali tagħha adottati mill-IATTC u li l-Unjoni tikkonforma mad-deċiżjonijiet li jieħdu l-RFMOs li l-Unjoni hija Parti Kontraenti tagħhom. Il-proposta tittrasponi l-obbligi mingħajr ma taqbeż dak li huwa neċessarju biex jintlaħaq l-objettiv segwit.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument magħżul huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux rilevanti

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-għan ta' din il-proposta huwa li tittrasponi l-miżuri eżistenti tal-IATTC li jorbtu lill-Partijiet Kontraenti u li timplimentahom. L-Istati Membri kif ukoll l-industrija u s-soċjetà ċivili minn madwar l-UE ġew ikkonsultati kemm matul it-tħejjija għal-laqgħat tal-IATTC li fihom ġew adottati dawn ir-Riżoluzzjonijiet kif ukoll matul in-negozjati li saru fil-laqgħa annwali tal-IATTC. Għalhekk ma nħassx li kien hemm bżonn li jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati b'rabta ma' dan ir-Regolament.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux rilevanti. Din hija implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni li tapplika direttament għall-Istati Membri.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta mhijiex marbuta mar-REFIT.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rappurtar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I fih dispożizzjonijiet ġenerali dwar is-suġġett tal-proposta u dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-objettiv tagħha. Jistabbilixxi wkoll id-definizzjonijiet. Dan ir-Regolament huwa applikabbli għall-bastimenti tal-UE li jistadu fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni tal-IATTC.

Il-Kapitolu II jittratta l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni, inklużi dispożizzjonijiet rilevanti għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun li jistadu għat-tonn tropikali, il-projbizzjoni tas-sajd fuq il-bagi tad-*data*, dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-sajd qrib l-FADs, ir-regoli tal-użu, it-tfassil u t-tniżżil tagħhom għat-trasbord fil-port.

Il-Kapitolu III jistabbilixxi miżuri mfassla biex jipproteġu ċerti speċijiet tal-baħar preżenti fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni tal-IATTC, bħall-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku, it-tawru seta, il-kurazzi u r-raj tal-qrun. Dawn il-miżuri jinkludu d-dmirijiet ta' forniment u rilaxx tad-*data*, kif ukoll il-miżuri relatati mal-protezzjoni tal-fkieren tal-baħar u tat-tjur tal-baħar.

Il-Kapitolu IV fih dispożizzjonijiet dwar l-iskema tal-osservaturi tal-IATTC, inklużi r-regoli dwar x'inhu kopert mill-programm tal-osservaturi u d-dmirijiet u l-obbligi ta' rappurtar tal-osservaturi.

Il-Kapitolu V jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-bastimenti, inklużi dawk relatati mar-Reġistru Reġjonali tal-Bastimenti tal-IATTC, mad-dmirijiet ta' rappurtar u mal-protokoll għall-issiġillar tal-bjar.

Il-Kapitolu VI fih informazzjoni dwar id-dmirijiet ta' rappurtar relatati mal-programm statistiku tad-*data*, u r-rekwiżiti għall-programm tad-dokument dwar it-tonn obeż.

Il-Kapitolu VII fih id-dispożizzjonijiet finali, inkluż dwar il-kunfidenzjalità tar-rapporti u tal-messaġġi elettroniċi u l-proċedura biex jitressqu l-emendi, is-setgħat delegati u l-emendi għal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE.

2020/0139 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 520/2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta' att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] huwa li tiżgura sfruttament tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin li jipprovdi kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

(2) Il-Komunità Ewropea, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE[4] approvat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim għall-Implimentazzjoni ta' dik il-Konvenzjoni relatata mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Istokks tal-Ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-Istokks tal-Ħut li Jpassi bil-Qawwi[5], li fihom prinċipji u regoli fir-rigward tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar. Fil-qafas tal-obbligi internazzjonali aktar ġenerali tagħha, l-Unjoni Ewropea tieħu sehem fl-isforzi li jsiru fl-ibħra internazzjonali għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.

2 ĠU C , , p. .

3 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

5 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE tat-8 ta' Ġunju 1998 dwar ir-ratifika mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-stokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14).

(3) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE[6], il-Komunità Ewropea approvat il-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Costa Rica.

(4) L-IATTC għandha l-awtorità li tadotta deċiżjonijiet (Riżoluzzjonijiet) sabiex tiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC. Ir-Riżoluzzjonijiet tal-IATTC huma vinkolanti għall-Partijiet Kontraenti. Dawn ir-Riżoluzzjonijiet huma essenzjalment indirizzati lill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-IATTC, iżda jinkludu wkoll obbligi għall-operaturi privati (pereżempju għall-kaptani tal-bastimenti). Ir-Riżoluzzjonijiet tal-IATTC jidħlu fis-seħħ ħamsa u erbgħin jum wara l-adozzjoni tagħhom u, fil-każ tal-Unjoni, iridu jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni malajr kemm jista' jkun.

(5) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE[7] l-Unjoni approvat il-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (il-Ftehim), li stabbilixxa l-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (IDCP).

(6) Skont l-Artikolu XIV tal-Ftehim, l-IATTC għandu jkollha rwol integrali biex tikkoordina l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-miżuri li se jkunu adottati fi ħdan il-qafas tal-IATTC.

(7) Fi ħdan l-IDCP, il-Laqgħa tal-Partijiet hija responsabbli għall-adozzjoni ta' miżuri mfassla biex progressivament inaqqsu l-imwiet aċċidentali tal-dniefel fis-sajd tat-tonn bit-tartarun fiż-Żona tal-Ftehim għal livelli li jqarrbu lejn iż-żero, permezz tal-iffissar ta' limiti annwali. Dawn il-miżuri jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.

(8) The most recent implementation of the IATTC conservation and enforcement recommendations was done through Council Regulation (EC) No 520/2007[8].

(9) B'kont meħud li r-Riżoluzzjonijiet tal-IATTC huwa probabbli li jiġu emendati fil-laqgħat annwali tagħha, u sabiex dawn jiġu inkorporati malajr fid-dritt tal-Unjoni, sabiex jissaħħu l-kundizzjonijiet ekwi u tkompli tiġi appoġġata l-ġestjoni sostenibbli fit-tul tal-istokkijiet, il-Kummissjoni għandha tiġi ddelegata bis-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-aspetti li ġejjin: l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal-lenez tal-klieb il-baħar, il-perjodi ta' waqfien mis-sajd, l-iskedi ta' żmien għar-rappurtar tat-Tagħmir biex jinġabar il-Ħut (FADs), id-dispożizzjonijiet dwar it-tfassil u l-użu tal-FADs, l-iskadenzi għall-ġbir tad-*data*, iż-żoni u l-miżuri ta' mitigazzjoni għall-protezzjoni tat-tjur tal-baħar, il-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi, l-informazzjoni relatata mar-Reġistru Reġjonali tal-Bastimenti, ir-referenza għat-tabella għall-forniment tad-*data* għall-ġurnali ta' abbord u r-rekords tal-ħatt, id-Dokument Statistiku dwar it-Tonn Obeż, diversi skadenzi għar-rappurtar u l-linji gwida dwar il-mortalità tal-fkieren.

---

6 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni għat-tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Costa Rica (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

7 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2005 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (2005/938/KE), (ĠU L 348, 30.12.2005, p. 26).

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti ħażniet ta'
speċi li jpassu ħafna u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 973/2001 (ĠU L 123, 12.5.2007, p. 3).

(10) Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet twettaqhom f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[9]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(11) Id-delega tas-setgħat prevista f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet futuri tal-IATTC fid-dritt tal-Unjoni permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja.

(12) L-Artikolu 3(3), l-Artikolu 4(3) u t-Titolu IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 għandhom jitħassru, billi d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jimplimentaw il-miżuri kollha tal-IATTC.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I
## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 1*
### *Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, konservazzjoni u kontroll relatati mas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni għat-tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali[10] u fir-rigward tal-istokkijiet tat-tonn u ta' speċijiet jixbhu lit-tonn, speċijiet oħra ta' ħut li jinqabdu minn bastimenti li jistadu għat-tonn u speċijiet li jixbhu lit-tonn u speċijiet li jappartjenu għall-istess ekosistema.

### *Artikolu 2*
### *Kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jintużaw jew li huma maħsuba biex jintużaw għall-iskopijiet ta' sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni.

2. Unless otherwise stated in this Regulation, it applies without prejudice to the existing Regulations in the fisheries sector, in particular Regulation (EU) 2017/2403 of the

---

[9] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

[10] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/26/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni għat-tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali stabbilita bil-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Costa Rica ("il-Konvenzjoni ta' Antigua") (ĠU L 15, 19.1.2005, p. 9).

European Parliament and of the Council[11] and Council Regulations (EC) No 1005/2008[12], (EC) No 1224/2009[13] and (EC) No 1185/2003[14].

*Artikolu 3*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "il-Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni għat-tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali;

(2) "iż-żona tal-Konvenzjoni" tfisser iż-żona ġeografika li għaliha tapplika l-Konvenzjoni kif deskritta fl-Artikolu III tal-Konvenzjoni;

(3) "speċijiet tal-IATTC" tfisser stokkijiet tat-tonn u speċijiet simili għat-tonn u speċijiet oħra ta' ħut maqbuda minn bastimenti li jkunu qegħdin jistadu għat-tonn u għal speċijiet simili għat-tonn fiż-Żona tal-Konvenzjoni;

(4) "bastiment tas-sajd tal-Unjoni" tfisser kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru, li jintuża jew li huwa maħsub biex jintuża għal skopijiet ta' sfruttament kummerċjali tar-riżorsi tas-sajd, inklużi bastimenti ta' sostenn, bastimenti għall-ipproċessar tal-ħut, bastimenti involuti fit-trasbord u bastimenti tal-ġarr mgħammrin għat-trasportazzjoni ta' prodotti tas-sajd, ħlief għall-bastimenti tal-kontejners;

(5) "Parti Kontraenti" tfisser il-partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni;

(6) "tartarun tal-borża" tfisser kwalunkwe xibka tat-tidwir li l-parti ta' taħt tagħha tingħaqad permezz ta' vajjina li tkun fil-qiegħ nett tax-xibka, li tgħaddi minn sensiela ta' ħoloq imqabbda mal-ħabel ta' taħt, li tippermetti li x-xibka tinġieb lura u tingħalaq;

(7) "tonn tropikali" tfisser it-tonn obeż, it-tonn isfar u l-palamit;

(8) "bagi tad-*data*" huma apparati li jżommu f'wiċċ l-ilma, mitluqin għal riħhom jew ankrati, li jintużaw minn organizzazzjonijiet jew entitajiet xjentifiċi governattivi jew rikonoxxuti bil-għan li jiġbru b'mod elettroniku *data* ambjentali, u mhux b'appoġġ għall-attivitajiet tas-sajd, u li ġew innotifikati lis-Segretarjat tal-IATTC;

(9) "Tagħmir biex jinġabar il-Ħut" jew "FAD" tfisser oġġetti ankrati, mitluqin għal riħhom, f'wiċċ l-ilma jew taħt l-ilma, użati jew segwiti mill-bastimenti, inkluż

---

11 Regulation (EU) 2017/2403 of the European Parliament and of the Council of 12 December 2017 on the sustainable management of external fishing fleets, and repealing Council Regulation (EC) No 1006/2008 (OJ L 347, 28.12.2017, p. 81).

12 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

13 Council Regulation (EC) No 1224/2009 of 20 November 2009 establishing a Union control system for ensuring compliance with the rules of the common fisheries policy, amending Regulations (EC) No 847/96, (EC) No 2371/2002, (EC) No 811/2004, (EC) No 768/2005, (EC) No 2115/2005, (EC) No 2166/2005, (EC) No 388/2006, (EC) No 509/2007, (EC) No 676/2007, (EC) No 1098/2007, (EC) No 1300/2008, (EC) No 1342/2008 and repealing Regulations (EEC) No 2847/93, (EC) No 1627/94 and (EC) No 1966/2006 (OJ L 343 22.12.2009, p. 1).

14 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta' bastimenti (ĠU L 167, 4.7.2003, p. 1).

permezz tal-użu ta' bagi bir-radju jew bis-satellita, bil-għan li jinġemgħu l-ispeċijiet tat-tonn fil-mira għall-operazzjonijiet tas-sajd bit-tartarun;

(10) "interazzjoni" mal-bagi tad-*data* tinkludi t-tidwir tal-baga bl-irkaptu tas-sajd, l-irbit jew it-twaħħil tal-bastiment, l-irkaptu tas-sajd, jew kwalunkwe parti jew porzjon mill-bastiment, ma' baga tad-*data*, jew il-qtugħ tal-ħabel tal-ankra tagħha, iżda mhijiex limitata għalihom;

(11) "operatur" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li topera jew li tikkontrolla kwalunkwe impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet relatati ma' kwalunkwe stadju ta' produzzjoni, proċessar, kummerċjalizzazzjoni, distribuzzjoni u bejgħ bl-imnut tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

(12) "SAC" tfisser il-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku stabbilit skont l-Artikolu XI tal-Konvenzjoni;

(13) "trasbord" tfisser il-ħatt tal-prodotti tas-sajd kollha jew ta' kwalunkwe prodott tas-sajd minn bastiment għal fuq bastiment ieħor;

(14) "Reġistru Reġjonali tal-Bastimenti" tfisser ir-reġistru tal-bastimenti tal-IATTC;

(15) "Riżoluzzjoni" tfisser il-miżuri vinkolanti adottati mill-Kummissjoni tal-IATTC skont l-Artikolu VII tal-Konvenzjoni;

(16) "formola tad-dikjarazzjoni tat-trasbord tal-IATTC" tfisser id-dokument li jinsab fl-Anness 2 tar-Riżoluzzjoni C-12-07;

(17) "osservatur" tfisser persuna li tkun awtorizzata u ċċertifikata minn Stat Membru jew minn Parti Kontraenti biex tosserva, timmonitorja u tiġbor informazzjoni abbord il-bastimenti tas-sajd;

(18) "konz" tfisser irkaptu tas-sajd li jinkludi medda b'ħafna snanar fuq lenez iqsar imdendlin minnha (brazzoli) ta' tul u spazjar varjabbli skont l-ispeċijiet fil-mira;

(19) "lenez tal-klieb il-baħar" tfisser lenez individwali mwaħħlin mal-lenez tas-sufrun jew mas-sufruni direttament, u użati biex jiġu mmirati l-klieb il-baħar, kif muri fil-Figura 1 tar-Riżoluzzjoni C-16-05;

(20) "Snanar b'ċirku kbir" huma ganċijiet bil-ponta mdawra b'mod perpendikulari lura lejn il-manku biex jifformaw għamla ġeneralment ċirkolari jew ovali, u l-ponta tal-ganċ ma tkunx spostata b'aktar minn 10 gradi;

(21) "il-Ftehim" tfisser il-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (AIDCP)[15];

(22) "bjar issiġillati" tfisser kwalunkwe spazju abbord bastiment, maħsub għall-iffriżar, iż-żamma, jew il-ħażna tal-ħut, li l-aċċess għalih ikun ġie imblukkat biex jiġi evitat l-użu tiegħu għal dawn l-iskopijiet;

(23) "WCPFC" tfisser il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali stabbilita fl-ambitu tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-

[15] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE tat-8 ta' Diċembru 2005 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (ĠU L 348, 30.12.2005, p. 26).

Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent[16];

(24) "Żona kondiviża" tfisser iż-żona ta' kompetenza kondiviża bejn iż-żoni ġeografiċi tal-IATTC u tad-WCPFC. Din iż-żona hija l-parti tal-Oċean Paċifiku delimitata mil-linji li ġejjin: il-parallel 50°N mill-intersezzjoni tiegħu mal-meridjan 150°P sal-intersezzjoni mal-meridjan 130°P, u l-parallel 4°N mill-intersezzjoni tiegħu mal-meridjan 150°P sal-intersezzjoni mal-meridjan 130°P.

## KAPITOLU II

## MIŻURI TA' KONSERVAZZJONI U TA' ĠESTJONI

### *Artikolu 4*
### *Perjodi ta' waqfien mis-sajd għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża għat-tonn tropikali*

1. Sabiex jiġi implimentat il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, kull Stat Membru għandu:

(a) jinforma lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena dwar liema miż-żewġ perjodi ta' waqfien mis-sajd mid-29 ta' Lulju sat-8 ta' Ottubru, jew mid-9 ta' Novembru sad-19 ta' Jannar, għandhom ikunu applikabbli għall-bastimenti tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-Segretarjat tal-IATTC dwar il-perjodu ta' waqfien mis-sajd applikabbli sal-15 ta' Lulju ta' kull sena;

(b) jinforma lill-partijiet interessati kollha fl-industrija tat-tonn tiegħu dwar il-perjodu ta' waqfien mis-sajd;

(c) jinforma lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena li dawn il-passi jkunu ttieħdu;

(d) jiżgura li għad-durata kollha tal-perjodu ta' waqfien mis-sajd, il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża kollha li jtajru l-bandiera tagħhom ma jistadux fiż-żona tal-Konvenzjoni.

2. Meta bastiment tas-sajd tal-Unjoni ma jkunx jista' jsalpa barra mill-perjodu ta' waqfien mis-sajd applikabbli msemmi fil-paragrafu 1(a), minħabba avveniment ta' *force majeure* li jikkonsisti fid-diżabilizzazzjoni ta' bastiment tas-sajd matul l-operazzjonijiet tas-sajd minħabba falliment mekkaniku jew strutturali, nar jew splużjoni, matul perjodu ta' mill-anqas 75 jum konsekuttiv, l-Istat Membru jista' jibgħat lill-Kummissjoni talba għall-eżenzjoni tal-perjodu ta' waqfien mis-sajd, flimkien mal-evidenza neċessarja sabiex jintwera li l-bastiment ma salpax minħabba *force majeure*. It-talba għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ġimagħtejn wara l-waqfien tal-kawża tal-*force majeure*. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta u, fejn applikabbli, tibgħat it-talba lis-Segretarjat tal-IATTC għall-konsiderazzjoni mill-IATTC sa mhux aktar tard minn xahar wara l-waqfien tal-kawża tal-*force majeure*.

3. Fejn il-Kummissjoni tinnotifika lill-Istat Membru bl-approvazzjoni mill-IATTC tat-talba msemmija fil-paragrafu 2:

[16] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE tas-26 ta' April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

(a) fil-każ li l-bastiment ma jkunx osserva perjodu ta' waqfien mis-sajd fl-istess sena li fiha tkun seħħet il-kawża tal-*force majeure*, il-bastiment għandu josserva perjodu ta' waqfien mis-sajd imnaqqas ta' 40 jum konsekuttiv f'wieħed miż-żewġ perjodi ta' waqfien mis-sajd ta' dik is-sena minflok il-waqfien mis-sajd sħiħ stabbilit fil-paragrafu 1(a) u l-Kummissjoni għandha tinnotifika immedjatament lis-Segretarjat tal-IATTC dwar il-perjodu ta' waqfien mis-sajd magħżul, jew

(b) fil-każ li l-bastiment ikun diġà osserva perjodu ta' waqfien mis-sajd fl-istess sena li matulha tkun seħħet il-kawża tal-*force majeure*, għandu josserva perjodu ta' waqfien mis-sajd imnaqqas ta' 40 jum konsekuttiv is-sena ta' wara f'wieħed miż-żewġ perjodi ta' waqfien mis-sajd għal dik is-sena, li għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-15 ta' Lulju.

4. Kwalunkwe bastiment li jibbenefika mill-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandu jġorr osservatur awtorizzat abbord.

5. Minbarra l-waqfien mis-sajd imsemmi fil-paragrafu 1, is-sajd għat-tonn tropikali fiż-żona ta' 96º u l-110ºP u bejn 4°T u 3°N għandu jingħalaq mid-9 ta' Ottubru sat-8 ta' Novembru ta' kull sena.

*Artikolu 5*

*Projbizzjoni tas-sajd fuq il-bagi tad-data*

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jiżguraw li l-bastimenti tagħhom ma jinteraġixxux mal-bagi tad-*data* fiż-żona tal-Konvenzjoni.

2. Huwa pprojbit li jintuża rkaptu tas-sajd sa mil nawtiku minn baga tad-*data* ankrata fiż-żona tal-Konvenzjoni.

3. Huwa pprojbit li tittella' baga tad-*data* abbord, sakemm Stat Membru, Parti Kontraenti jew is-sid responsabbli għal dik il-baga ma jawtorizzawx jew jitolbu li jsir dan b'mod speċifiku.

4. Jekk l-irkaptu tas-sajd jitħabbel ma' baga tad-*data*, l-irkaptu tas-sajd imħabbel għandu jitneħħa bl-anqas ħsara possibbli lill-baga tad-*data*.

5. Il-programmi ta' riċerka xjentifika formalment innotifikati lill-IATTC jistgħu joperaw bastimenti tas-sajd tal-Unjoni sa mil nawtiku minn baga tad-*data*, sakemm il-bastiment ma jinteraġixxix mal-baga tad-*data* jew juża rkaptu tas-sajd, kif stipulat fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 6*
*Tagħmir biex jinġabar il-Ħut (FADs)*

1. L-FADs għandhom jiġu attivati esklussivament abbord bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni.

2. FAD jitqies attiv meta jiġi skjerat fuq il-baħar, jibda jittrażmetti l-pożizzjoni tiegħu u jkun qed jiġi segwit mill-bastiment, mis-sid jew mill-operatur tiegħu.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni ta' kuljum dwar l-FADs attivi kollha lill-Kummissjoni f'intervalli ppreżentati b'dewmien ta' mill-anqas 60 jum, iżda b'intervall ta' żmien ta' mhux aktar minn 90 jum bejn kull rapport. Il-Kummissjoni għandha tibgħat immedjatament dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC.

4. L-operaturi tal-bastimenti tal-Unjoni għandhom jiġbru u jirrappurtaw kwalunkwe interazzjoni mal-FADs lill-Istati Membri. Għal kull interazzjoni, għandhom jirreġistraw l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-pożizzjoni tal-FAD;

(b) id-data u l-ħin tal-użu tal-FAD;

(c) l-identifikazzjoni tal-FAD tal-IATTC (*jiġifieri* l-immarkar tal-FAD jew l-identifikazzjoni tal-beacon; it-tip ta' baga; jew kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tas-sid);

(d) it-tip ta' FAD (bħal FAD ankrat, FAD naturali mitluq għal riħu, FAD artifiċjali mitluq għal riħu);

(e) il-karatteristiċi tad-disinn tal-FAD (il-qisien u l-materjal tal-parti li żżomm fil-wiċċ u tal-istruttura mdendla taħt l-ilma).

(f) it-tip ta' attività (tniżżil, użu, ġbid, irkupru, telf, intervent fuq tagħmir elettroniku, eċċ.);

(g) jekk l-attività tkun tniżżil, ir-riżultati tat-tniżżil f'termini ta' qabda u qabda inċidentali; u

(h) il-karatteristiċi ta' kwalunkwe baga jew tagħmir ta' pożizzjonament imqabbdin (sistema ta' pożizzjonament, jekk ikunux mgħammra bis-sonar, eċċ.).

5. Id-*data* miġbura għas-sena kalendarja preċedenti għandha tiġi ppreżentata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 75 jum qabel kull laqgħa regolari tal-SAC. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni sa mhux aktar tard minn 60 jum qabel il-laqgħa tal-SAC.

6. 6. L-identifikazzjoni u t-tfassil u l-użu tal-FADs mill-bastimenti tal-Unjoni għandhom jikkonformaw, rispettivament, mal-Annessi I u II tar-Riżoluzzjoni C-19-01.

*Artikolu 7*

*Trasbordi fil-port*

It-trasbordi kollha fiż-żona tal-Konvenzjoni, tal-ispeċijiet tal-IATTC, għandhom isiru fil-port.

## KAPITOLU III

## PROTEZZJONI TAL-ISPEĊIJIET TAL-BAĦAR

### TAQSIMA 1

### SPEĊIJIET ELAŻMOBRANKI

*Artikolu 8*

*Klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi*

1. Huwa pprojbit li tinżamm abbord, tiġi trasbordata, imniżżla, maħżuna, mibjugħa jew offruta għall-bejgħ kwalunkwe parti jew il-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*).

2. Il-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda għandhom, sa fejn ikun prattikabbli, jinħelsu fil-pront mingħajr ma ssirilhom ħsara meta dawn jinġiebu maġenb il-bastiment.

3. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw, fost l-oħrajn permezz tal-programmi tal-osservaturi, l-għadd ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda skartati jew meħlusa, billi jindikaw l-istatus (mejtin jew ħajjin), inklużi dawk meħlusa skont il-paragrafu 2.

*Artikolu 9*

*Raj tal-qrun*

1. Huwa pprojbit li tinżamm abbord, tiġi trasbordata, imniżżla, maħżuna, mibjugħa jew offruta għall-bejgħ kwalunkwe parti jew il-karkassa sħiħa tar-raj tal-qrun (li tinkludi l-*Manta* rays u l-*Mobula* rays) maqbuda fiż-żona tal-Konvenzjoni.

2. Jekk ir-raj tal-qrun jinqabdu u jiġu ffriżati b'mod mhux intenzjonali bħala parti mill-operazzjoni ta' bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża, il-bastiment għandu jċedi r-raja tal-qrun sħiħa lill-awtoritajiet responsabbli fil-punt tal-ħatt l-art. Ir-raj tal-qrun ċeduti b'dan il-mod ma jistgħux jinbiegħu jew jitpartu iżda jistgħu jingħataw bħala donazzjoni għall-finijiet ta' konsum domestiku mill-bniedem.

3. Ir-raj tal-qrun li jinqabdu b'mod mhux intenzjonali għandhom jinħelsu minnufih mingħajr ma ssirilhom ħsara, sa fejn ikun prattikabbli, malli jintlemħu fix-xibka, mas-sunnara, jew fuq il-gverta. Il-ħelsien għandu jsir b'mod li jirriżulta fl-anqas ħsara possibbli għar-raj tal-qrun maqbuda mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza ta' kwalunkwe persuna, billi jiġu segwiti l-linji gwida dettaljati fl-Anness 1 tar-Riżoluzzjoni tal-IATTC C-15-04.

4. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw, fost l-oħrajn permezz tal-programmi tal-osservaturi, l-għadd ta' skartar u ta' ħelsien ta' raj tal-qrun, billi jindikaw l-istatus (mejtin jew ħajjin), inklużi dawk ċeduti skont il-paragrafu 2.

*Artikolu 10*

*Tawri seta*

1. Huwa pprojbit li jinżammu abbord, jiġu trasbordati, jinħattu l-art, jinħażnu, jinbiegħu jew jiġu offruti għall-bejgħ kwalunkwe parti tal-karkassa jew il-karkassi sħaħ ta' tawri seta (*Carcharhinus falciformis*) maqbuda minn bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża fiż-Żona tal-Konvenzjoni.

2. Madankollu, jekk it-tawri seta jinqabdu u jiġu ffriżati b'mod mhux intenzjonali bħala parti mill-operazzjonijiet ta' bastiment tas-sajd bit-tartarun, jekk l-awtoritajiet governattivi jkunu preżenti fil-punt tal-ħatt l-art, it-tawru seta kollu għandu jiġi ċedut lilhom. Jekk l-awtoritajiet governattivi ma jkunux disponibbli, it-tawru seta kollu ċedut ma jistax jinbiegħ jew jitpartat iżda jista' jingħata bħala donazzjoni għall-finijiet ta' konsum domestiku mill-bniedem. It-tawri seta ċeduti b'dan il-mod għandhom jiġu rrappurtati lis-Segretarjat tal-IATTC.

3. Il-bastimenti tas-sajd bil-konz li jaqbdu l-klieb il-baħar b'mod inċidentali, għandhom jillimitaw il-qabda inċidentali tat-tawri seta sa massimu ta' 20% tal-qabda totali għal kull vjaġġ tas-sajd bħala piż.

4. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jistadu fiż-żoni ta' twelid tat-tawri seta identifikati mill-IATTC.

*Artikolu 11*

*Klieb il-baħar baliena*

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx iniżżlu tartarun tal-borża fuq ġliba tonn assoċjata ma' kelb il-baħar baliena ħaj (*Rhincodon typus*), jekk l-annimal jintlemaħ qabel jibda t-tniżżil.

2. F'każ li l-kelb il-baħar baliena ma jkunx imdawwar deliberatament fit-tartarun tal-borża, il-kaptan tal-bastiment għandu:

   (a) jiżgura li jittieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiġi żgurat il-ħelsien sigur tiegħu; u

   (b) jirrapporta l-inċident lill-Istat Membru, billi jinkludi l-għadd ta' persuni kkonċernati, id-dettalji ta' kif u għaliex seħħ it-tidwir, fejn seħħ, il-passi meħuda biex jiġi żgurat il-ħelsien sikur, u valutazzjoni tal-istat tal-ħajja tal-annimal(i) mar-rilaxx (inkluż jekk kienx hemm li nħelsu ħajjin iżda li mbagħad mietu).

3. Il-klieb il-baħar baliena ma għandhomx jiġu rmunkati barra minn xibka tat-tartarun tal-borża.

*Artikolu 12*

*Ħelsien sigur tal-klieb il-baħar minn bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borza*

1. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jeħilsu fil-pront il-klieb il-baħar (sew ħajjin jew mejtin) maqbuda li ma jkunux miżmuma mingħajr ħsara, sa fejn ikun prattikabbli, malli jintlemħu fix-xibka jew fuq il-gverta, mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza ta' kwalunkwe persuna.

2. Jekk kelb il-baħar ikun ħaj meta jinqabad mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u ma jkunx miżmum, il-kelb il-baħar għandu jinħeles billi jintużaw il-proċeduri li ġejjin, jew mezzi daqstantieħor effettivi:

(a) il-klieb il-baħar jinħelsu mix-xibka billi jiġu meħlusa direttament mill-brailer għal ġol-oċean. Il-klieb il-baħar li ma jkunux jistgħu jinħelsu mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza tal-persuni qabel ma jitniżżlu fuq il-gverta għandhom jitreġġgħu lura fl-ilma kemm jista' jkun malajr, jew bl-użu ta' rampa mill-gverta li tkun imqabbda ma' ftuħ fuq il-ġenb tal-bastiment, jew mill-fetħiet tal-evakwazzjoni. Jekk ma jkunux disponibbli rampi jew fetħiet tal-evakwazzjoni, il-klieb il-baħar jitbaxxew bi braga jew b'xibka tal-merkanzija, bl-użu ta' krejn jew tagħmir simili, jekk ikun disponibbli;

(b) l-użu ta' foxxni, snanar, jew strumenti simili huwa pprojbit għall-ġestjoni tal-klieb il-baħar. L-ebda kelb il-baħar ma jista' jintrefa' mir-ras, mid-denb, mill-garġi, jew mill-imniefes, jew billi jintuża wajer tal-irbit mal-ġisem jew li jiddaħħal minn ġo fih, u ma tista' tittaqqab l-ebda toqba fl-iġsma tal-klieb il-baħar (pereżempju biex jiġi mgħoddi kejbil għall-irfigħ tal-kelb il-baħar);

*Artikolu 13*

*Projbizzjoni tal-użu tal-lenez tal-klieb il-baħar mill-bastimenti tas-sajd bil-konz*

Il-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-Unjoni ma għandhomx jużaw lenez tal-klieb il-baħar.

*Artikolu 14*

*Ġbir ta' data dwar l-ispeċijiet tal-klieb il-baħar*

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jiġbru u jissottomettu *data* dwar il-qabdiet għat-tawri seta u l-kurazzi lill-Istati Membri, li għandhom jibagħtuha lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC.

2. L-osservaturi fuq il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jirreġistraw l-għadd u l-istatus (mejtin/ħajjin) tat-tawri seta u l-kurazzi maqbuda u meħlusa.

TAQSIMA 2

SPEĊIJIET OĦRAJN

*Artikolu 15*

*Tjur tal-baħar*

1. Il-bastimenti tas-sajd bil-konz li jużaw sistemi idrawliċi, mekkaniċi, jew elettriċi u li jistadu għal speċijiet koperti miż-żona tal-Konvenzjoni fit-Tramuntana ta' 23°T u fin-Nofsinhar ta' 30°N, flimkien maż-żona delimitata mill-kosta fi 2°T, fil-Punent għal 2°T-95°P, fin-Nofsinhar għal 15°N-95°P, fil-Lvant għal 15°N-85°P, u fin-Nofsinhar għal 30°N għandhom japplikaw mill-anqas tnejn mill-miżuri ta' mitigazzjoni li jinsabu fit-tabella fl-Anness ta' dan ir-Regolament, inkluża mill-anqas waħda mill-kolonna A. Il-bastimenti ma għandhomx jużaw l-istess miżura mill-Kolonna A u l-Kolonna B.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-installazzjoni laterali ta' purtieri għat-tjur u l-brazzoli ppeżati għandhom jiġu applikati biss fiż-żona fit-Tramuntana ta' 23°T sakemm ir-riċerka tistabbilixxi l-utilità ta' din il-miżura fl-ilmijiet fin-Nofsinhar ta' 30°N. L-użu tal-installazzjoni laterali ta' purtiera għat-tjur u l-brazzoli ppeżati mill-kolonna A se jgħoddu bħala żewġ miżuri ta' mitigazzjoni.

3. Jekk il-lett tori jintgħażel kemm mill-Kolonna A kif ukoll mill-Kolonna B, dan ifisser l-użu simultanju ta' żewġ lettijiet tori (jiġifieri f'pari).

*Artikolu 16*

*Fkieren tal-baħar*

1. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jeħilsu fil-pront, b'mod li jikkawża l-anqas ħsara possibbli sa fejn prattikabbli, lill-fkieren tal-baħar kollha, mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza ta' kwalunkwe persuna u li mill-anqas membru wieħed tal-ekwipaġġ ikun imħarreġ fit-tekniki għall-immaniġġjar u l-ħelsien tal-fkieren tal-baħar sabiex titjieb is-sopravivenza wara r-rilaxx.

2. L-Istati Membri għandhom ikomplu jipparteċipaw fir-riċerka, u jippromwovuha sabiex jiġu identifikati tekniki sabiex jitnaqqas aktar il-qbid inċidentali tal-fkieren tal-baħar fit-tipi kollha ta' rkapti użati fl-EPO.

3. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża għandu:

(a) jevita t-tidwir tal-fkieren tal-baħar sal-limitu prattikabbli u jġorr abbord, u juża fejn ikun xieraq, għodod ta' mmaniġġjar sigur għall-ħelsien tal-fkieren tal-baħar u jieħu l-passi raġonevoli kollha, fil-każ li tintlemaħ fekruna tal-baħar f'xibka tat-tartarun tal-borża sabiex jiġi żgurat il-ħelsien sigur tagħha;

(b) jieħu l-azzjonijiet neċessarji biex jimmonitorja l-FADs għat-tħabbil tal-fkieren tal-baħar, u jiżgura l-ħelsien tal-fkieren tal-baħar kollha li jkunu tħabblu fl-FADs;

(c) jirreġistra l-interazzjonijiet osservati kollha li jinvolvu l-fkieren tal-baħar waqt operazzjonijiet tas-sajd bit-tartarun tal-borża u jirrapporta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali.

4. Il-kaptan ta' bastimenti tas-sajd bil-konz għandu:

(a) iġorr abbord u, meta jseħħu interazzjonijiet ma' fkieren tal-baħar, juża t-tagħmir neċessarju (pereżempju apparat biex titneħħa s-sunnara, taljalenez, u kopp tal-idejn) għall-ħelsien fil-pront tal-fkieren tal-baħar li jinqabdu b'mod inċidentali;

(b) meta l-maġġoranza tas-snanar jistadu f'fond ta' anqas minn 100 metru, għandha tintuża waħda minn dawn iż-żewġ miżuri ta' mitigazzjoni: snanar b'ċirku kbir jew l-użu biss ta' ħut bil-pinen għal-lixka;

(c) jirrapporta kwalunkwe interazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw ir-riċerka u l-iżvilupp ta' disinji modifikati tal-FADs biex inaqqsu t-tħabbil tal-fkieren tal-baħar kif ukoll jieħdu miżuri sabiex jinkoraġġixxu l-użu ta' disinji li nstab li kienu ta' suċċess f'dan it-tnaqqis.

*Artikolu 17*

*Protezzjoni tad-dniefel*

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim, u li ġew allokati Limitu tal-Mortalità tad-Dniefel (DML) biss huma awtorizzati jiċċirkondaw ġlejjeb jew gruppi ta' dniefel bit-tartaruni tal-borża waqt is-sajd għat-tonn isfar fiż-żona tal-Konvenzjoni.

## KAPITOLU IV

## OSSERVATURI XJENTIFIĊI

*Artikolu 18*

*Osservaturi xjentifiċi fuq bastimenti tas-sajd bil-konz*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-anqas 5 % tal-isforz tas-sajd li jsir mill-bastimenti tagħhom b'tul totali ta' aktar minn 20 metru, ikollu osservatur xjentifiku.

2. L-osservaturi xjentifiċi għandhom jirreġistraw il-qabdiet tal-ispeċijiet ta' ħut fil-mira, il-kompożizzjoni tal-ispeċijiet u kwalunkwe informazzjoni bijoloġika disponibbli oħra kif ukoll kwalunkwe interazzjoni ma' speċijiet mhux fil-mira bħall-fkieren tal-baħar, it-tjur tal-baħar u l-klieb il-baħar.

3. L-osservaturi xjentifiċi abbord il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet tal-Istati Membri rapport dwar dawn l-osservazzjonijiet sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara t-tmiem ta' kull vjaġġ tas-sajd. Dak ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 25(5) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 19*

*Is-sikurezza tal-osservaturi xjentifiċi fuq il-baħar*

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-osservaturi u r-responsabbiltajiet tal-kaptan ta' bastiment tas-sajd stabbiliti fl-Anness II tal-Ftehim.

2. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu:

(a) jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżgura li l-osservaturi jkunu jistgħu jwettqu dmirijiethom b'mod kompetenti u sigur;

(b) jagħmel ħiltu biex jiżgura li l-osservaturi jintbagħtu fuq bastimenti differenti wara li jispiċċaw ħidmiethom fuq bastiment partikolari;

(c) jiżgura li l-bastiment li fuqu jkun stazzjonat osservatur jipprovdi ikel u akkomodazzjoni xierqa matul l-istazzjonament tal-osservatur fl-istess livell tal-uffiċjali, fejn ikun possibbli;

(d) jiżgura li l-osservaturi jingħataw il-kooperazzjoni neċessarja kollha sabiex huma jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod sigur, inkluż billi jipprovdi aċċess, kif meħtieġ, għall-qabda miżmuma, u l-qabda li tkun maħsuba biex tiġi skartata.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw is-sikurezza tal-osservaturi u tal-membri tal-ekwipaġġ f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-IATTC C-11-08 dwar it-titjib tas-sikurezza tal-osservaturi fuq il-baħar, kif ukoll l-istandards tax-xogħol rilevanti tal-Unjoni u internazzjonali[17].

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-osservaturi jissodisfaw il-kriterji tal-kwalifiki stabbiliti fl-Anness II tal-Ftehim.

5. F'każ li osservatur imut, ikun nieqes jew preżunt li waqa' l-baħar, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jiżgura li l-bastiment tas-sajd:

(a) iwaqqaf immedjatament l-operazzjonijiet tas-sajd kollha;

(b) jibda immedjatament operazzjoni ta' tfittxija u ta' salvataġġ jekk l-osservatur ikun nieqes jew preżunt li waqa' l-baħar, u jfittex għal mill-anqas 72 siegħa, sakemm ma jingħatax struzzjonijiet mill-Istat Membru tal-bandiera biex ikompli jfittex;

(c) jinforma immedjatament lill-Istat Membru tal-bandiera u lill-fornitur tal-osservatur;

(d) javża immedjatament lil bastimenti oħra fil-qrib billi juża l-mezzi ta' komunikazzjoni kollha disponibbli;

(e) jikkoopera b'mod sħiħ fi kwalunkwe operazzjoni ta' tfittxija u ta' salvataġġ u wara li tali operazzjoni ta' tfittxija u ta' salvataġġ tkun intemmet, jordna lill-bastiment lejn l-eqreb port għal aktar investigazzjoni, kif maqbul mill-Istat Membru tal-bandiera u l-fornitur tal-osservatur;

(f) jipprovdi r-rapport dwar l-inċident lill-fornitur tal-osservatur u lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera; u

---

[17] B'mod partikolari d-Direttiva Qafas Ewropea dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (id-Direttiva 89/391 KEE), id-Direttiva 2017/159/UE tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), il-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 (Nru 188) u l-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190)

(g) jikkoopera b'mod sħiħ fi kwalunkwe investigazzjoni uffiċjali dwar l-inċident, u jippreżerva kwalunkwe evidenza potenzjali u l-oġġetti personali u l-kwartieri tal-osservatur mejjet jew nieqes.

6. Fil-każ tal-mewt ta' osservatur, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jiżgura li, sa fejn ikun prattikabbli, il-ġisem jiġi ppreżervat tajjeb għall-iskopijiet ta' awtopsja u investigazzjoni.

7. F'każ li osservatur isofri minn marda serja jew korriment ta' theddida għall-ħajja tiegħu jew is-saħħa jew is-sigurtà fit-tul tiegħu, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jiżgura li bastiment tas-sajd:

(a) iwaqqaf immedjatament l-operazzjonijiet tas-sajd;

(b) jinforma immedjatament lill-Istat Membru tal-bandiera u lill-fornitur tal-osservatur;

(c) jieħu l-azzjonijiet raġonevoli kollha biex jieħu ħsieb l-osservatur u jipprovdi kwalunkwe kura medika disponibbli u possibbli abbord il-bastiment, u fejn ikun xieraq ifittex parir mediku estern;

(d) fejn jiġi ordnat mill-fornitur tal-osservatur, jekk ma jkunx diġà ordnat mill-Istat Membru, jiffaċilita l-iżbark u t-trasport tal-osservatur lejn faċilità medika mgħammra sabiex tipprovdi l-kura meħtieġa kif ordnat mill-Istat Membru jew mill-fornitur tal-osservatur, malli dan ikun possibbli; u

(e) jikkoopera b'mod sħiħ fi kwalunkwe investigazzjoni uffiċjali dwar il-kawża tal-marda jew tal-korriment.

8. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi applikabbli għall-kaptan tal-bastiment, għall-finijiet tal-paragrafi 5 sa 7, l-Istat Membru għandu jiżgura li ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ Marittimu xieraq, il-fornitur tal-osservatur, u s-Segretarjat tal-IATTC jiġu nnotifikati immedjatament u mogħtija rapport dwar l-azzjonijiet meħuda.

9. F'każ li jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li osservatur ikun ġie attakkat, intimidat, mhedded, jew mogħti fastidju b'mod li s-saħħa jew is-sikurezza tiegħu jkunu pperikolati u l-osservatur jew il-fornitur tal-osservatur jitlob lill-Istat Membru tal-bandiera għat-tneħħija tal-osservatur mill-bastiment tas-sajd, il-kaptan ta' dak il-bastiment tas-sajd għandu:

(a) jieħu immedjatament azzjoni biex jippreżerva s-sikurezza tal-osservatur u jimmitiga u jsolvi s-sitwazzjoni abbord;

(b) javża immedjatament lill-Istat Membru tal-bandiera u lill-fornitur tal-osservatur dwar is-sitwazzjoni, inklużi l-istatus u l-pożizzjoni tal-osservatur;

(c) jiffaċilita l-iżbark sigur tal-osservatur b'mod u f'post, kif miftiehem mill-Istat Membru tal-bandiera u mill-fornitur tal-osservatur, li jippermetti l-aċċess għal kwalunkwe kura medika meħtieġa; u

(d) jikkoopera b'mod sħiħ fi kwalunkwe investigazzjoni uffiċjali dwar l-inċident.

10. F'każ li jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li osservatur ikun ġie attakkat, intimidat, mhedded, jew mogħti fastidju b'mod li s-saħħa jew is-sikurezza tiegħu jkunu pperikolati iżda la l-osservatur u lanqas il-fornitur tal-osservatur ma jitolbu li l-osservatur jitneħħa mill-bastiment tas-sajd, il-kaptan ta' dak il-bastiment tas-sajd għandu:

(a) jieħu immedjatament azzjoni biex jippreżerva s-sikurezza tal-osservatur u jimmitiga u jsolvi s-sitwazzjoni abbord mill-aktar fis possibbli;

(b) jinforma immedjatament lill-Istat Membru tal-bandiera u lill-fornitur tal-osservatur dwar is-sitwazzjoni; u

(c) jikkoopera b'mod sħiħ fl-investigazzjonijiet uffiċjali kollha dwar l-inċident.

11. Fejn, wara l-iżbark minn bastiment tas-sajd ta' osservatur, fornitur ta' osservatur , pereżempju matul il-ġbir tal-informazzjoni mingħand l-osservatur, jidentifika inċident possibbli li jinvolvi attakk jew fastidju lill-osservatur waqt li kien abbord il-bastiment tas-sajd, il-fornitur tal-osservatur għandu jinnotifika, bil-miktub, lill-Istat Membru tal-bandiera u lis-Segretarjat tal-IATTC.

12. Malli jirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 10, l-Istat Membru tal-bandiera għandu:

(a) jinvestiga l-avveniment abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-fornitur tal-osservatur, iħejji rapport tal-inċident fuq din il-bażi u jieħu kwalunkwe azzjoni xierqa bi tweġiba għar-riżultati tal-investigazzjoni;

(b) jikkoopera b'mod sħiħ fi kwalunkwe investigazzjoni mwettqa mill-fornitur tal-osservatur, inkluż billi jipprovdi r-rapport tal-inċident tal-investigazzjoni tiegħu lill-fornitur tal-osservatur u lill-awtoritajiet xierqa; u

(c) jinforma lill-fornitur tal-osservatur u lill-IATTC dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni tiegħu u kwalunkwe azzjoni li ttieħdet.

13. Il-fornituri nazzjonali tal-osservaturi għandhom:

(a) jinfurmaw immedjatament lill-Istat Membru tal-bandiera jekk osservatur imut, ikun nieqes jew preżunt li waqa' l-baħar waqt il-qadi ta' dmirijietu;

(b) jikkooperaw b'mod sħiħ fi kwalunkwe operazzjoni ta' tfittxija u ta' salvataġġ;

(c) jikkooperaw b'mod sħiħ fi kwalunkwe investigazzjoni uffiċjali dwar kwalunkwe inċident li jkun jinvolvi osservatur;

(d) jiffaċilitaw kemm jista' jkun malajr l-iżbark u s-sostituzzjoni ta' osservatur f'sitwazzjoni li tinvolvi l-mard serju jew il-korriment ta' dak l-osservatur;

(e) jiffaċilitaw kemm jista' jkun malajr l-iżbark ta' osservatur fi kwalunkwe sitwazzjoni li tinvolvi l-attakk, l-intimidazzjoni, it-theddid, jew il-fastidju ta' dak l-osservatur sa tali punt li l-osservatur ikun jixtieq li jitneħħa mill-bastiment; u

(f) meta jiġu mitluba, jipprovdu lill-Istat Membru tal-bandiera b'kopja tar-rapport tal-osservatur dwar l-allegati inċidenti li jinvolvu attakk jew fastidju tal-osservatur.

14. Il-fornituri tal-osservaturi rilevanti u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fl-investigazzjonijiet ta' xulxin, inkluż billi jipprovdu r-rapporti tal-inċidenti tagħhom għal kwalunkwe inċident indikat fil-paragrafi 5 sa 11 biex jiffaċilitaw kwalunkwe investigazzjoni kif ikun xieraq.

## KAPITOLU V

## REKWIŻITI MARBUTIN MAL-BASTIMENTI

*Artikolu 20*

*Reġistru Reġjonali tal-Bastimenti*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni fir-rigward ta' kull bastiment taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom biex tiddaħħal fir-Reġistru Reġjonali tal-Bastimenti:

(a) isem il-bastiment tas-sajd tal-Unjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni, l-ismijiet preċedenti (jekk ikunu magħrufa), u l-port tar-reġistru;

(b) ritratt tal-bastiment li juri n-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu;

(c) il-bandiera preċedenti (jekk tkun magħrufa u jekk ikun il-każ);

(d) il-Kodiċi Internazzjonali tar-Radju (jekk ikun il-każ);

(e) l-isem u l-indirizz tas-sid jew tas-sidien;

(f) id-data u l-post tal-bini;

(g) it-tul, il-wisa' u l-fond iffurmat tal-bastiment;

(h) it-tip u l-kapaċità tal-friża, f'metri kubi;

(i) l-għadd u l-kapaċità tal-istivi tal-ħut, f'metri kubi u, fil-każ tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, it-tqassim tal-kapaċità skont l-istiva tal-ħut jekk ikun possibbli;

(j) l-isem u l-indirizz tal-operatur(i) u/jew tal-ġestur(i), jekk ikun hemm;

(k) it-tip ta' bastiment;

(l) it-tip ta' metodu jew metodi tas-sajd;

(m) it-tunnellaġġ totali;

(n) il-qawwa tal-magna jew tal-magni prinċipali;

(o) l-ispeċijiet fil-mira ewlenin;

(p) in-numru tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO).

2. Kull Stat Membru għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika fl-informazzjoni li tikkonċerna l-elementi elenkati fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC mingħajr dewmien.

3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika fil-pront ukoll lill-Kummissjoni dwar:

(a) kwalunkwe żieda fir-rekord;

(b) kwalunkwe tħassir mir-rekord minħabba:

(i) ir-rinunzja volontarja jew in-nuqqas ta' tiġdid tal-awtorizzazzjoni tas-sajd mis-sid jew mill-operatur tal-bastiment;

(ii) l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa lill-bastiment;

(iii) il-fatt li l-bastiment ma jkunx għadu intitolat li jtajjar il-bandiera tiegħu;

(iv) l-iskrappjar, id-dekummissjonar jew it-telf tal-bastiment; u

(v) kwalunkwe raġuni oħra, mhux elenkata hawn fuq hija applikabbli.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sat-30 ta' Mejju ta' kull sena dwar il-bastimenti tal-Unjoni fir-Reġistru Reġjonali tal-Bastimenti, li jtajru l-bandiera tagħhom, li kienu qegħdin jistadu attivament fiż-żona tal-Konvenzjoni għall-ispeċijiet koperti mill-Konvenzjoni mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC mingħajr dewmien.

5. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istati Membri sabiex jipprovdu *data* kompluta għall-bastimenti tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 jekk l-Istat Membru ma jipprovdix l-informazzjoni kollha meħtieġa.

*Artikolu 21*

*Bjar issiġillati*

1. Bir issiġillat għandu jkun fiżikament issiġillat b'mod li ma jkunx jista' jiġi mbagħbas, u b'mod li ma jikkomunika mal-ebda spazju ieħor fuq il-bastiment u li l-użu tiegħu għal kwalunkwe ħażna oħra jiġi evitat.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jispezzjonaw u jivverifikaw il-bjar issiġillati għall-ewwel darba.

3. Kwalunkwe bastiment li jkollu wieħed jew aktar mill-bjar tiegħu ssiġillati biex jitnaqqas il-volum tal-bjar irreġistrat fir-reġistru reġjonali tal-bastimenti għandu jkun meħtieġ li jġorr osservatur mill-AIDPC abbord.

4. Għandu jkun possibbli li bir issiġillat jinfetaħ biss f'każ ta' emerġenza. Jekk bir issiġillat jinfetaħ fuq il-baħar, l-osservatur għandu jkun preżenti kemm meta jinfetaħ il-bir kif ukoll meta jerġa' jiġi ssiġillat.

5. It-tagħmir kollu tar-refriġerazzjoni fil-bir issiġillat għandu jsir inoperattiv.

6. Il-kaptan tal-bastiment għandu jinforma lill-osservaturi bi kwalunkwe bir issiġillat abbord. L-osservaturi għandhom jirrappurtaw lis-Segretarjat tal-IATTC kwalunkwe każ ta' bjar issiġillati li jkunu qed jintużaw għall-ħażna tal-ħut.

KAPITOLU VI
PROGRAMM TA' *DATA* U STATISTIKA

*Artikolu 22*
*Forniment tad-Data*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pertinenti kollha dwar il-qabdiet tiġi pprovduta lill-Kummissjoni fuq bażi annwali, għall-bastimenti tagħhom kollha li jistadu għall-ispeċijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Konvenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-*data*, skont l-ispeċi u l-irkaptu tas-sajd, fejn dan ikun prattiku, permezz tal-ġurnali ta' abbord tal-bastimenti u r-rekords tal-ħatt l-art, jew inkella f'forma aggregata bħal fit-tabella stabbilita fir-Riżoluzzjoni tal-IATTC C-03-05, bid-*data* tal-qabdiet u tal-isforz tal-Livell 3 bħala rekwiżit minimu, u, kull meta jkun possibbli, *data* dwar il-qabdiet u l-isforz tal-Livelli 2 u 1 u *data* dwar il-frekwenza tat-tul.

3. It-tabella tad-*data* aggregata msemmija fil-paragrafu 2 għal kull sena għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC sat-30 ta' Ġunju.

*Artikolu 23*

*Dokument statistiku dwar it-tonn obeż*

1. It-tonn obeż kollu importat fit-territorju tal-Unjoni għandu jkun akkumpanjat mid-dokument statistiku dwar it-tonn obeż jew miċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni tat-tonn obeż, kif ikun xieraq, stabbilit mill-IATTC[18]. It-tonn obeż li jinqabad mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u mid-dgħajjes tas-sajd bil-lixka u li jkun destinat prinċipalment għal ipproċessar ulterjuri mill-kumpaniji li jimlew it-tonn fil-laned, mhuwiex soġġett għal dan ir-rekwiżit tad-dokument statistiku.

2. Id-dokument statistiku dwar it-tonn obeż tal-IATTC irid jiġi validat mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bastiment li jkun qabad it-tonn. Iċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni tat-tonn obeż tal-IATTC irid jiġi validat mill-awtoritajiet tal-Istat Membru li reġa' esporta t-tonn.

3. L-Istati Membri li jimportaw it-tonn obeż għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni d-*data* tal-kummerċ miġbura mill-awtoritajiet tagħhom kull sena sal-1 ta' April għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti u sal-1 ta' Ottubru għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju tas-sena attwali. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC mingħajr dewmien.

4. L-Istati Membri li jesportaw it-tonn obeż għandhom jeżaminaw id-*data* tal-kummerċ malli jirċievu d-*data* tal-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 hawn fuq u jirrappurtaw ir-riżultati lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC mingħajr dewmien.

5. L-Istati Membri għandhom jivvalidaw id-dokumenti statistiċi li jinvolvu trasbord fil-port minn bastimenti tas-sajd bil-konz li jtajru l-bnadar tagħhom meta t-trasbord ikun sar f'konformità ma' dan ir-Regolament u abbażi tal-informazzjoni miksuba permezz tal-Programm tal-Osservaturi tal-IATTC.

6. L-Istati Membri li jivvalidaw dokument statistiku li jinvolvi trasbordi mwettqa minn bastiment tas-sajd bil-konz li jtajjar il-bnadar tagħhom għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tkun konsistenti mal-qabdiet irrappurtati minn kull bastiment tas-sajd bil-konz.

7. It-tonn kollu u l-ispeċijiet simili għat-tonn u l-klieb il-baħar kollha li jinħattu l-art, jew li jiġu importati fl-Unjoni, kemm jekk ma jkunux ġew ipproċessati kif ukoll wara li jkunu ġew ipproċessati abbord, u li jiġu trasbordati, għandhom ikunu akkumpanjati mill-formola tad-dikjarazzjoni tat-trasbord tal-IATTC sakemm isir l-ewwel bejgħ.

## KAPITOLU VII

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 24*

*Żona kondiviża*

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni elenkati esklussivament fir-reġistru tal-IATTC għandhom japplikaw il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-IATTC meta jkunu qegħdin jistadu fiż-żona kondiviża.

[18] L-Appendiċi għar-Riżoluzzjoni C-03-01.

2. Fil-każ tal-bastimenti elenkati fir-reġistri tal-bastimenti kemm tad-WCPFC kif ukoll tal-IATTC, qabel ma jistadu fiż-żona kondiviża, l-Istati Membri tal-bandiera għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni taħt liema waħda miż-żewġ miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati minn dawk l-organizzazzjonijiet għandhom joperaw il-bastimenti tagħhom meta jistadu fiż-żona kondiviża. In-notifika tkun valida għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin.

*Artikolu 25*
*Rapportar*

1. L-Istati Membri, sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena għas-sena preċedenti, għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport nazzjonali dwar l-iskema ta' konformità tagħhom u l-azzjonijiet meħuda biex jimplimentaw il-miżuri tal-IATTC, inkluż kwalunkwe kontroll li jkunu imponew fuq il-flotot tagħhom u kwalunkwe miżura ta' monitoraġġ, kontroll u konformità li jkunu stabbilew biex jiżguraw il-konformità ma' dawn il-kontrolli.

2. L-Istati Membri, kull sena sal-15 ta' April għas-sena preċedenti, għandhom jirrappurtaw id-*data* dwar il-qabdiet, l-isforz skont it-tip ta' rkaptu, il-ħatt l-art u l-kummerċ tal-klieb il-baħar skont l-ispeċi, id-*data* rigward il-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda tal-Artikolu 8(3), ir-raj tal-qrun tal-Artikolu 9(4) u t-tawri seta tal-Artikolu 10. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC sal-1 ta' Mejju.

3. L-Istati Membri, kull sena sal-15 ta' Ġunju għas-sena preċedenti, għandhom jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 15 u l-interazzjonijiet ma' tjur tal-baħar waqt l-attivitajiet tas-sajd ġestiti skont il-Konvenzjoni, inklużi l-qabdiet inċidentali ta' tjur tal-baħar, dettalji tal-ispeċijiet ta' tjur tal-baħar, u l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli mill-osservaturi u programmi oħra ta' monitoraġġ. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC sat-30 ta' Ġunju.

4. L-Istati Membri, kull sena sal-15 ta' Ġunju għas-sena preċedenti, għandhom jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 16 u l-Linji Gwida tal-FAO għat-Tnaqqis tal-Mortalità tal-Fkieren tal-Baħar fl-Operazzjonijiet tas-Sajd (2009)[19] għall-fkieren, inkluża l-informazzjoni miġbura dwar l-interazzjoni mal-fkieren waqt l-attivitajiet tas-sajd ġestiti skont il-Konvenzjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC sat-30 ta' Ġunju.

5. L-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport tal-osservaturi xjentifiċi għall-bastimenti tas-sajd bil-konz imsemmi fl-Artikolu 18(3) sal-15 ta' Marzu għas-sena preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC sat-30 ta' Marzu.

*Artikolu 26*
*Allegat nuqqas ta' konformità rrappurtat mill-IATTC*

1. Jekk il-Kummissjoni tirċievi kwalunkwe informazzjoni mingħand is-Segretarjat tal-IATTC li tindika suspett ta' nuqqas ta' konformità mal-Konvenzjoni jew mar-Riżoluzzjonijiet tal-IATTC minn Stat Membru jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat mingħajr dewmien.

---

[19] http://www.fao.org/docrep/012/i0725e/i0725e.pdf

2. L-Istat Membru għandu jniedi investigazzjoni fir-rigward tal-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità u jipprovdi lill-Kummissjoni s-sejbiet ta' dik l-investigazzjoni u kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi indirizzat kwalunkwe tħassib dwar nuqqas ta' konformità mill-anqas 75 jum qabel il-laqgħa annwali tal-Kumitat għar-Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Miżuri ("il-Kumitat għall-Konformità").

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC mill-anqas 60 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat għall-Konformità.

*Artikolu 27*
*Kunfidenzjalità*

Minbarra l-obbligi stipulati fl-Artikoli 112 u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd, l-osservaturi, għandhom jiżguraw it-trattament kunfidenzjali tar-rapporti u l-messaġġi elettroniċi mibgħuta lis-Segretarjat tal-IATTC u dawk li jaslu mingħandu skont l-Artikolu 10(2), l-Artikolu 19(5), l-Artikolu 19(8) u l-Artikolu 21(6) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 28*
*Awtorizzazzjoni għall-emendi*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jemendaw dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 29, biex tadattahom għall-miżuri adottati mill-IATTC li jorbtu lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha fir-rigward ta':

(a) il-formola tad-dikjarazzjoni tat-trasbord imsemmija fl-Artikolu 3(17);

(b) ir-referenza għar-rappreżentazzjoni tal-lenez tal-klieb il-baħar tal-Artikolu 3(19);

(c) il-perjodi ta' waqfien mis-sajd imsemmija fl-Artikolu 4(1)(a) u fl-Artikolu 4(5);

(d) l-iskedi ta' żmien għar-rappurtar tal-FADs previsti fl-Artikolu 6(3);

(e) l-informazzjoni li għandha tingħabar meta jsir sajd bl-FADs elenkati fl-Artikolu 6(4);

(f) id-dispożizzjonijiet rigward it-tfassil u l-użu tal-FADs previsti fl-Artikolu 6(6);

(g) l-iskadenza għall-ġbir tad-*data* msemmija fl-Artikolu 14(1);

(h) iż-żoni u l-miżuri ta' mitigazzjoni għall-protezzjoni tat-tjur tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(1) u (2);

(i) il-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi tal-Artikolu 18(1);

(j) l-informazzjoni relatata mar-Reġistru Reġjonali tal-Bastimenti elenkat fl-Artikolu 20(1);

(k) ir-referenza għat-tabella għall-forniment tad-*data* għall-ġurnali ta' abbord u r-rekords tal-ħatt l-art previsti fl-Artikolu 22(2);

(l) ir-referenza għad-Dokument Statistiku dwar it-Tonn Obeż tal-Artikolu 23(1);

(m) l-iskadenzi għar-rappurtar previsti fl-Artikolu 25;

(n) ir-referenza għal-linji gwida dwar il-mortalità tal-fkieren imsemmija fl-Artikolu 25(4);

(o) l-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. L-emendi f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom ikunu strettament limitati għall-implimentazzjoni ta' emendi jew ta' Riżoluzzjonijiet ġodda tal-IATTC fid-dritt tal-Unjoni.

*Artikolu 29*
*Eżerċizzju tad-delega*

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 28 għal perjodu ta' ħames snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 28 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 28 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 30*
*Emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007*

L-Artikolu 3(3), l-Artikolu 4(3) u t-Titolu IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 ġew imħassra.

*Artikolu 31*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |